MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 684/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Joseph Cordina)
**vs**
**Vincent Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Abela ta' 55 sena bin Joseph u Teresa nee' Vella, imwieled Tarxien fis-7 ta' Dicembru 1946, residenti fl-indirizz 33 Alley 2, Misrah ir-Repubblika, Tarxien. Detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 1034346 (M).

Talli:
Fl-10 ta' Ottubru 2001 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Ghamel uzu xjentament ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi ADIDAS; DIESEL; REEBOK; LOTTO u NIKE li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-artiklu 298 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi, bi qligh, jew bi skop ta' kummerc, bieghh, qassam, jew mod iehor offra ghall bejgh jew biex jitqassmu, xi artikoli jew hwejjeg u cioe hwejjeg bil-marka ADIDAS; DIESEL; REEBOK; LOTTO u NIKE, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-artiklu 298B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew bieghh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra u cioe hwejjeg bil-marka ADIDAS; DIESEL; REEBOK; LOTTO; u NIKE bi ksur tal jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120 tal-1992.
Kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li-gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati,

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezjonax li il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l- akkuzat ammetta l-akkuzi li hu mixli bihom u l-Qorti fissritlu x'jigifieri ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 298 (1), 298B tal Kapitolu 9, l-avviz legali 120/1992, l-artikoli 49 u 50 tal Kapitolu 9.

Tikkundanah ihallas Hamsin Lira Maltija (LM50) multa sa ghada 21 ta’ Marzu 2003 u tordna l-konfiska ta l-esebiti immarkati bhala dokumenti AM1, AM2 u AM3

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Deputat Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------